MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 91

6 ta' Marzu 2018

Minuti tas-seduta Nru. 91 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta, 6 ta' Marzu 2018 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trażmessa direttament bl-internet.

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-Kunsillier E. Bartolo ġibed l-attenzjoni għall-minuta 8.4 (Ref: K/6/2/Vol IV) tas-seduta ta' qabel u talab li din tiġi rinumerata 8.5, sabiex l-8.4. tinqara kif jidher hawn taħt:

*"8.4. Il-Kunsillier E. Bartolo lmenta dwar il-mod kif ġiet riveduta l-kompożizzjoni tal-Bord ta' l-Evalwazzjoni tal-offerti, fejn hu nfurmat li lanqas l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ma kienet taqbel dwar dan kif ġie spjegat fil-Laqgħa Plenarja li saret nhar is-Sibt 30 ta' Settembru 2017. Għaldaqstant il-Kunsill kellu jikteb lill-Assoċċjazzjoni u jressaq l-ilment tiegħu. Hu tenna li flimkien mas-Sindku, ex-Sindki u Kunsilliera f'Kunsilli preċedenti, kien ilu jifforma parti minn dan il-bord għal kważi 20 sena. Dawn dejjem imxew b'diliġenza u imparzjalità, tant li matul dan iż-żmien, li fih huma evalwaw għadd kbir ta' offerti, kien hemm biss erba' appelli. Fil-fehma tiegħu, il-Kunsill ġie eskluż kompletament fil-proċess ta' evalwazzjoni. Jekk xejn, il-membri professjonali u esperti kellhom jiżdiedu mar-rappreżentanti tal-Kunsill, ħaġa li l-Mellieħa biss bħala kunsill kienet pro-attiva fiha, tant li diversi drabi ntalab parir espert meta nħasset il-ħtieġa li l-membri tal-bord ma kinux kompetenti biżżejjed biex jieħdu deċiżżjoni finali.".*

1.2. Il-minuti tas-seduta Nru. 90 tal-20 ta' Frar 2018, ġew approvati u ffirmati bl-emenda ta' hawn fuq. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Użu ta' kamra fi Ġnien iż-Żerniq (A/4/10)( P/4/16/Vol III)

2.1.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 10.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li l-Kappillan tal-Manikata wera d-diżappunt tiegħu li ntilfet l-opportunità li l-parroċċa tal-Manikata tagħmel użu minn binja devoluta lill-Kunsill li tinsab fil-Park tal-Majjistral. Permezz ta' ittra datata 22 ta' Frar 2018, huwa talab lill-Kunsill sabiex jikkonċedi l-użu ta' kamra taħt Ġnien iż-Żerniq sabiex jinżammu affarijiet proprjetà tal-parroċċa.

2.1.3. Il-Kunsill innota li l-imsemmija kamra mhux qed isir użu minnha u għalhekk ma sabx oġġezzjoni li tintuża mill-Parroċċa tal-Manikata taħt titlu ta' kommodat.

### 2.2.1. Sparatura fl-okkażjoni ta' Jum il-Kunsill 2018 (S/6/Vol VI)

2.2.2. Sar aċċenn għal ittra datata 6 ta' Marzu, mibgħuta mill-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti Mellieħa li għarrfu illi ser jipparteċipaw fl-attivitajiet fl-okkażjoni ta' Jum il-Kunsill 2018 bi sparatura *sporting*. Huma appellaw sabiex il-Kunsill jipprovdi t-trofej, filwaqt li stiednu lis-Sindku ħalli jippreżentahom lir-rebbieħa.

2.2.3. Il-Kunsill laqa' it-talba sakemm l-involviment tiegħu ma jeċċedix €250.

### 2.3.1. Attività fl-okkażjoni tal-25 Anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsill Lokali (A/5/3/Vol XIII)

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 9.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-kumitat iltaqa' fis-27 ta' Frar 2018, fejn kien hemm skambju ta' diversi idejat, filwaqt li kien hemm qbil fuq il-punti segwenti:

- Issir attività ċerimonjali fis-Sala Prof. Godfrey Wettinger fl-Iskola Primarja;
- Ġie ndikat il-kompożitur Philip Vella sabiex jittellgħa *musical* li t-tema tiegħu għad trid tiġi stabbilità; u
- Isiru attivitajiet oħra bis-sehem ta' l-għaqdiet mużikali, dawk sportivi, tal-arti u l-artiġġjat.

2.3.3. Is-Sur J. Buttigieg kompla jgħid li għaldaqstant ser isiru laqgħat mas-Sur Philip Vella fis-7, mal-għaqdiet in ġenerali fit-12 u ma' dawk mużikali fit-13 ta' Marzu 2018.

### 2.4.1. *Bring-In Site* ta' Triq l-Iżbark tal-Franċiżi (K/6/10/Vol III)

2.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 13.1. tas-seduta qabel u għarraf li fil-5 ta' Marzu 2018 huwa u s-Segretarju ltaqgħu mas-Sur J. Attard, il-Kap Eżekuttiv ta' Green MT Ltd dwar il-frekwenza tat-tbattil tad-*domes* li hemm fil-*bring-in site* imsemmija. Fl-istess laqgħa ġew indikati l-problemi li rriżultaw minn nuqqas ta' konsistenza fid-tbattil, partikularment f'dak li jirrigwarda l-ħġieġ. Is-Sur J. Attard wiegħed li ser issir pressjoni fuq il-kuntrattur mqabbad minnhom sabiex id-*domes* tal-karta u l-plastik jitbattlu ġimgħa iva u ġimgħa le, filwaqt li dawk tal-ħġieġ jitbattlu fl-istess ġurnata, darba fil-ġimgħa.

2.4.3. Fl-istess laqgħa ġie kkonfermat li l-proġett pilota dwar il-ġbir tal-ħġieġ minn barijiet u ristoranti kien twaqqaf, u għaldaqstant l-operaturi ta' dawn l-istabbilimenti issa għandhom jagħmlu użu mill-*bring-in sites* tal-pubbliku.

2.4.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.5.1. Infurzar ta' *bye-laws* dwar ikkampjar u *policy* dwar tisjir fil-beraħ**
**(B/5/Vol IV)**

2.5.2. Is-Sindku għarraf li saret żjara fit-tliet postijiet indikati għall-kampeġġ ġewwa l-Aħrax flimkien ma' uffiċjali tal-LESA sabiex jiġi stabbilit jekk il-vetturi jistgħux jitħallew 'il barra miż-żoni ndikati bħala tali.

2.5.3. Is-Segretarju spejga li ma jkunx prattiku li dawn jitħallew barra għaliex fl-istess tliet żoni hemm *areas* li huma bla siġar u li fihom jista' isir ipparkjar, peress li huwa ovvju li minn jikkampja jkun jeħtieġlu jżomm il-vettura tiegħu fil-qrib.

2.5.4. Il-Kunsill qabel li fid-dawl tat-tagħrif mogħti fil-minuta 2.5.3. l-infurzar għandu jsir fuq: (a) it-turija tal-permess; (b) li n-nar ikun kontenut; u (ċ) il-vetturi ma jitħallewx taħt is-siġar. F'dak li jirrigwarda l-*barbecues*, il-Kunsill iddeċieda li għandu jsir emfasi fuq l-użu tal-gass fl-Għadira u fir-Ramla tal-Mixquqa filwaqt li jiġi żgurat li dawn il-kundizzjonijiet ikunu mniżżla fil-permess li jinħareġ. Kien hemm qbil ukoll li tabelli li jfakkru lill-pubbliku dwar dan, għandhom jitwaħħlu fl-aċċessi għal dawn il-postijiet.

2.5.5. B'rabta ma' dan is-suġġett, il-Kunsillier J. Azzopardi qal li kif tħabbar uffiċjalment l-istaġun tal-kaċċa ser ikun miftuħ bejn l-1 u l-25 ta' April 2018.

**2.6.1. Pavimentar ta' Triq l-Inkurunazzjoni (P/4/29)**

2.6.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.2.1. tas-seduta preċedenti u qal li l-intenzjoni hija li x-xogħol fuq il-proġett imsemmi jinbeda wara l-festi tal-Għid. Għaldaqstant ser ikun meħtieġ li meta jkun hemm tiġijiet fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa tingħata konċessjoni temporanja sabiex il-karozzi tal-għarajjes jitħallew jidħlu f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II.

2.6.3. Il-Kunsill approva l-proposta skont il-minuta 2.6.2., iżda ddeċieda li tliet vetturi tal-għarajjes biss jitħallew jidħlu fil-misraħ, irrispettivament minn numru li jkun hemm.

2.6.4. Il-Kunsill iddeċieda wkoll li għandhom jitwaħħlu tabelli li jinfurmaw lill-*pedestrians* illi Triq l-Inkurunazzjoni ser tkun magħluqa minħabba xogħlijiet. Dawn isiru fi Triq l-Inkurunazzjoni kantuniera ma' Triq l-Erwieħ u f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II kantuniera ma' Triq il-Madonna tal-Għar.

## 3.1. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 02/03/18;
- Skeda ta' Pagamenti – 16/02/18 – 03/03/18;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet; u
- Rendikont Finanzjarju – Ottubru / Diċembru 2017

## 4.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku

**4.1.1. Faċilitajiet ta' ħatt u tagħbija fi Triq l-Etna (T/3/2/Vol XV)**

**4.1.2.** Saret referenza għal imejl tal-20 ta' Frar 2018, mibgħut mill-operatur tal-ħanut Bottles & Bottles sabiex jiġu allokati l-faċilitajiet imsemmija fi Triq l-Etna, qrib il-kantuniera ma' Triq l-Għoljiet.

**4.1.3.** Il-Kunsill qabel mal-proposta billi fl-istess inħawi hemm negozji oħra li jistgħu jibbenefikaw mill-istess faċilità.

**4.2.1. Estensjoni ta' pjattaforma madwar kjosk fil-Bajja tal-Għadira (T/4/10/Vol III)**

4.2.2. Saret referenza għal applikazzjoni sottomessa lill-Awtorità tal-Ippjanar mill-operator ta' Gelateria Slush Kiosk – PA 1011/18 - sabiex jestendi l-pjattaforma eżistenti madwar tliet iġnub l-oħra. Dan bil-għan li jitpoġġew għaxar imwejjed b'żewġ siġġijiet 'l waħda.

4.2.3. Il-Kunsill innota li jeżistu diversi kjoskijiet fl-Għadira li għandhom *decking* tal-injam madwarhom, kif ukoll imwejjed u siġġijiet.

## 4.3.1. Kawża Gouder vs Kunsill Lokali tal-Mellieħa u Central Asphalt Ltd (T/4/13/Vol XII)

4.3.2. Is-Segretarju għarraf li wara r-rapport tal-5 ta' Frar 2018 li sar mill-perit arkitett maħtur mill-Qorti dwar x-xogħol tal-*culverts* fi Triq Toni Pace, Triq Antonio Falzon, u fi Triq Ġuże' Flores, il-Qorti ħarġet digriet fil-20 ta' Frar 2018, fejn qalet li ttieħdet nota tal-istess rapport u jidhrilha li issa l-każ huwa magħluq.

4.3.3. Il-Kunsill innota l-kontenut tad-dokument imsemmi.

## 4.4.1. Tlielaq tal-*power boats* fil-fliegu bejn Malta u Kemmuna (A/6/3/2/Vol 47)

4.4.2. Is-Sindku aċċenna li saret laqgħa mal-organizzaturi ta' avveniment imsemmi, li huwa ppjanat li jsir bejn it-22 u s-26 ta' Marzu 2018. Huwa spjega li l-kordinament tiegħu ser ikun fir-Riviera Resort Hotel u fil-parkeġġ tal-Marfa. Dan l-arranġament ikun jeħtieġ kontroll tat-traffiku minn Triq Ta' Msid, kantuniera ma' Triq l-Armier u mar-*roundabout* tal-Marfa. Id-dħul minn Triq Ta' Msid jista' isir f'kull waqt, filwaqt li dak minn mar-*roundabout* tal-Marfa ser ikun ristrett waqt li l-*power boats* jittieħdu mill-parkeġġ sabiex jiġu varati jew jittellgħu mill-baħar. Waqt it-tlielaq mhux ser ikun possibbli l-użu tal-moll u l-iskall li hemm fir-Ramla tal-Bir. L-organizzatturi appellaw sabiex il-Kunsill jgħin fl-organizzazzjoni tal-avveniment billi jipprovdi s-superviżjoni tat-traffiku, jew parti minnha.

4.4.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jsiru l-arranġamenti msemmija fil-minuta 4.4.2., sakemm tinkiseb *clearance* mid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akwakultura u Transport Malta dwar l-użu tal-moll. Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill għandu jkopri l-ispejjeż ta' żewġ uffiċjali tal-Pulizija sabiex jaqdu l-funżjoni msemmija.

## 4.5.1. Faċilitajiet ta' ħatt u tagħbija fi Triq in-Nases (T/3/2/Vol XV)

4.5.2. Is-Sindku qal li huwa ġie avviċinat mill-operatur tal-ħanut "Il-Mitħna" illi talab li l-*Un/Loading Bay* eżistenti titneħħa peress li l-vetturi kummerċjali kbar qed jgħattulu l-armatura.

4.5.3. Il-Kunsill ħa in konsidrazzjoni li din il-faċilità kienet saret fuq talba tal-operaturi tal-ħwienet tal-qrib u għalhekk għandha titħalla. Kien hemm qbil li għandu jiġi verifikat fuq il-post, jekk din tistax tiġi spusstjata għan-naħa l-oħra tat-triq.

## 4.6.1. *Mellieħa Music Festival* (A/5/3/4)(A/5/3/5/Vol V)

4.6.1. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-ittra datata 2 ta' Frar 2017 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li kien ikkwalifika għal għotja ta' €5,000 b'riżq il-*Mellieħa Music Festival* 2018, taħt l-Fond Kulturali għall-Gvern Lokali 2018-2020 skont iċ-Ċirkulari 9/2017. Hija qalet li l-applikazzjoni għal dawn il-fondi kienet saret qabel il-Kunsill iddeċieda li jwaqqa' din l-attività biex minflokha jsiru oħrajn li jfakkru l-25 anniversarju mit-twaqqif tiegħu.

4.6.2. Hija pproponiet li ssir talba lid-Dipartiment sabiex dawn il-fondi jiġu allokati minflok fuq l-Iljieli Melleħin 2018.

4.6.3. Il-Kunsill laqa' il-proposta.

## 5.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

## 5.1.1. Sejħa għall-Offerti MLC1/2018 – Servizz ta' Ġbir ta' Skart Imħallat (K/6/2/Vol IV)

5.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 8.1. tas-seduta preċedenti u qal li Ms Amy Zammit ma hijiex f'pożizzjoni li tkun membru fuq il-Kumitat ta' Evalwazzjoni u għaldaqstant ippropona lis-Sur

Daniel Galea li huwa l-*accountant* tal-Kunsill. Is-Sur J. Buttigieg ippropona wkoll li l-Kunsillier E. Bartolo jkun osservatur fuq il-Kumitat.

5.1.3. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa fil-minuta 5.2.

## 5.2.1. Twessiegħ ta' Triq ir-Ramla tal-Bir (T/4/4/Vol II)

5.2.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi staqsa dwar jekk sarux kuntatti mal-Kunsill b'rabta mas-suġġett imsemmi.

5.2.3. Il-Viċi Sindku D. Vella qal li persuni li għandhom raba' biswit l-istess triq ġew avżati li kienet ser issir żjara fuq il-post minn perit ta' Transport Malta.

5.2.4. Is-Segretarju wieġeb li l-Kunsill ma kienx infurmat.

## 5.3.1. Konġestjoni ta' traffiku f'Dawret it-Tunnara (T/3/2/Vol XIV)

5.3.2. Il-Kunsillier P. Cutajar rrefera għad-deċiżjoni li ttieħdet fis-Seduta Nru. 66 tal-1 ta' Novembru 2016 u staqsa dwar x'qed iżomm l-implimentazzjoni tas-sistema tal-*one-ways* li kienet ġiet approvata.

5.3.3. Is-Segretarju wieġeb li għal xi raġuni l-iskema ma kienitx ġiet implimentata, iżda jekk hemm il-kunsens biex din tiġi ntrodotta, huwa jkun jista' jagħmel l-ordni.

5.3.4. Il-Kunsill approva li ssir l-ordni sabiex jitwaħħlu t-tabelli meħtieġa qabel l-istaġun tas-sajf.

## 6.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

6.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 2 ta' Marzu 2018.

6.3. Il-Kunsillier P. Cutajar għarraf li huwa kien qiegħed jastjeni mid-diskussjoni u sehem fid-deċiżjoni dwar l-*item* Nru. 18 fl-iskeda, skont kif mitlub fl-Artiklu 19 tal-Att XV tal-1993.

6.4. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

6.5. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn is-16 ta' Frar u t-3 ta' Marzu 2018.

6.6. Il-Kunsillier P. Cutajar għarraf li huwa kien qiegħed jastjeni mid-diskussjoni u sehem fid-deċiżjoni dwar l-*item* 027 fl-iskeda tal-pagamenti, skont kif mitlub fl-Artiklu 19 tal-Att XV tal-1993.

6.7. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha fl-iskeda msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## 7.1. PA 460/18 - Żona Industrijali f'Tat-Tomna (P/4/1)

7.2. Saret referenza għal *outline development application* li ġiet sottomessa mill-Malta Industrial Parks sabiex jinbena kumpless industrijali li jikkonsisti f'numru ta' ħwienet tax-xogħol (*Class 5*), kif ukoll *landscaping*, pavimentar u faċilitajiet anċillari.

7.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni fil-prinċipju għall-iżvilupp propost, sakemm dan jitwettaq skont il-policy NWCM 4 tal-Pjan Lokali għall-Majjistral, kif ukoll skont il-Kategorija E, Klassi 5A tal-Ordni dwar il-Klassijiet ta' Użu fl-Ippjanar tal-Iżvilupp (L.S.552.15). Minkejja dan, il-Kunsill talab li jiġi kkonsultat wara li tiġi sottomessa aktar dokumentazzjoni u pjanti aktar dettaljati waqt l-ipproċessar tal-applikazzjoni.

## 8.1. Sejħa għall-Offerti MLC 2/2018 – Servizz ta' Ġbir ta' Skart Goff
**(K/6/8)**

8.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li s-sejħa msemmija għalqet fit-2 ta' Marzu 2018 f'nofsinhar u rrispondew għaliha l-offerenti li jidhru hawn taħt:

- Antoine Fenech
- Alexander Fenech

8.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li skont il-linji gwida mogħtija mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, il-Kumitat ta' Evalwazzjoni għandu jkun kompost minn Chairman li jintgħażel minn fost il-membri eletti tal-Kunsill, persuna mill-professjoni legali, *accountant* u persuna oħra kompetenti fuq it-tip tas-servizz mitlub, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill, bħala kordinatur tas-sejħa. Għaldaqstant, is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsill sabiex jiddeċiedi fuq il-kompożizzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni.

8.4. Il-Kunsill iddeċieda li ċ-Chairman għandu jkun is-Sindku John Buttigieg, filwaqt li t-tliet membri bil-vot, għandhom ikunu l-Avukat Alfred Abela, l-*Accountant* Daniel Galea, u s-Sinjura Margaret Camilleri Fenech li hija *assistant lecturer* fl-Istitut għat-Tibdil fil-Klima u Żvilupp Sostenibbli fi ħdan l-Università ta' Malta. Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsillier E. Bartolo nħatar bħala osservatur.

## 9.1. Rendikont Finanzjarju – Ottubru/Diċembru 2017 (F/1/1/Vol II)

9.2. Is-Segretarju spjega li d-dħul tal-Kunsill bejn Jannar u Diċembru 2017 kien jammonta għal €1,387,633, filwaqt li kien hemm nefqa ta' €1,380,992, u hekk irriżulta bilanċ pożittiv ta' €6,641.

9.3. L-Assi Kurrenti (*Current Asset*) kienu jammontaw għall-€897,554 (Settembru - €690,620), li €791,263 minnhom kienu flus miżmuma f'kontijiet bankarji. L-Obbligazzjonijiet Kurrenti (*Current Liabilities)* kienu fil-livell ta' €612,560 (Settembru - €264,610), li kienu magħmula minn kontijiet pendenti (*Payables*) li jidhru fuq il-kotba, kif ukoll stima ta' spejjeż (*accruals*) fuq servizzi jew materjal mixtrija li kienu għadhom ma jidhrux fuq il-kotba, kif ukoll dħul li l-Kunsill kien għadu ma rċeviex (*Deferred Income*).

9.4. Iċ-ċifra ta' €1,407,352, indikata bħala *Deferred Income* (Nota 15 fir-rapport) tirriżulta minn għotjiet li l-Kunsill irċieva biex iwettaq proġetti kapitali u li għad iridu jiġu rilaxxati fil-*Profit and Loss*. Dawn kienu magħmula minn:

(a) Fondi ġejjin mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali

(b) *Long term grants*; u

(c) Fondi Speċjali – *Deferred Grants*.

9.5. Meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni l-fatturi kollha msemmija, jirriżulta Indikatur tas-Sitwazzjoni Finanzjarja (ISF) ta' 33%. Ġie spjegat li kemm-il darba d-*Deferred Income* ma jibqax jittieħed in konsiderazzjoni r-*ratio* tal-ISF jitla' għal 40%.

9.6. F'dak li jirrigwarda l-Impjant u Tagħmir (*Plant and Equipment*), fil-perjodu kopert bir-rapport, ġew kapitalizzati b'kemm jiswew €341,016 f'Assi Permanenti (*Fixed Assets*).

9.7. Il-valur oriġinali tal-Assi Permanenti *(Fixed Assets)* kollha akkwistati kien ta' €11,104,900, li meta wieħed jikkalkula d-deprezzament fuqhom sa tmiem Diċembru 2017, il-Valur Nett tagħhom fil-Kotba (*Net Book Value*) kien ta' €5,108,977.

9.8. Il-Kunsill approva r-rapport u talab li jiġi ppubblikat permezz tas-sitt elettroniku.

**10.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku li tgħid:**

***"Billi l-Istqarrijiet Finanzjarji għas-Sena 2017 ġew spjegati fid-dettal waqt is-Seduta tal-Kunsill Nru. 90 u ma kienx hemm punti li baqa' lok ta' aktar diskussjoni dwarhom, kif ukoll wara li Kunsill kien konvint li r-rapport imressaq jirrifletti l-andament tal-operat tiegħu matul is-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2017;***

***Il-Kunsill jirriżolvi li japprova r-Rapport Finanzjarju u għaldaqstant jawtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiffirmawh u jgħadduh lill-Uditur Ġenerali, skont il-Proċeduri tal-2005 dwar Kunsilli Lokali (Verifika)."*** **(F/1/2/Vol VIII)**

10.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier P. Cutajar.

**11.1. Installazzjoni ta' CCTV cameras fil-ġonna (C/9)**

11.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi ppropona li jiġu nstallati *CCTV cameras* fil-ġonna pubbliċi, jew issir waħda biss li tkun tista' tiġi spusstjata minn post għal' ieħor, bil-għan li jkun jista' jitnaqqas il-vandaliżmu mill-ġonna. Huwa qal li dawn it-tip ta' *cameras* ikunu jeħtieġu sorveljanza kull meta jkun hemm ħtieġa biss.

11.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li din il-proposta għandha tiġi studjata aktar sabiex tkun stabbilita l-vijabilità tagħha.

**12.1. Mixja Penitenzjali mill-Mellieħa sa l-Isla (S/6/Vol IV)**

12.2. Is-Sindku rrefera għall-attività annwali msemmija, li ssir kull sena b'riżq il-fond Puttinu Cares fil-lejl bejn id-29 u t-30 ta' Marzu 2018. Did-darba ser tibda minn Misraħ il-Parroċċa, tgħaddi minn Triq il-Parroċċa, iddur għal Triq Sant' Anna għal Triq il-Kbira. Huwa ppropona li jitpoġġew *mobile toilets* f'Misraħ il-Parroċċa, filwaqt li titħalla miftuħa l-latrina pubblika ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II.

12.3. Il-Kunsill qabel li jitpoġġew tliet *mobile toilets* f'Misraħ il-Parroċċa bi dritt Triq il-Madonna tal-Għar u tlieta oħra fejn il-Belvedere tas-Sur. Kien hemm qbil ukoll li l-pjazza tingħalaq mit-mill-10.30 pm 'il quddiem, minħabba l-funzjoni li tkun għaddejja fil-knisja, filwaqt li jiġi pprojbit l-ipparkjar fi Triq il-Parroċċa u Triq Sant' Anna wara t-8.00 pm.

12.4. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ppproponiet li tingħata pubbliċità permezz tal-istampar u twaħħil ta' *poster* mal-*billboard* fit-telgħa ta' Selmun.

12.5. Il-Kunsill approva l-proposta skont il-minuta 12.4 aktar 'il fuq.

**13.1. PA 4811/15 – Żvilupp fi Triq Lewis Wettinger (P/5/1/Vol IV)**

13.2. Il-Kunsillier E. Bartolo ġibed l-attenzjoni għall-bini ta' kumpless ta' appartamenti u garaxxijiet li jħares fuq Triq Lewis Wettinger. Tenna illi huwa ferm dubjuż li bejn il-faċċata tal-istess binja ma tħalliex wisa' biżżejjed għal *service road* u allura ser ikollha tittieħed l-karreġġjata tal-ġenb fi Triq Lewis Wettinger.

13.3. Il-Kunsill qabel li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-*Land Survey Unit* fi ħdan l-Awtorità tal-Ippjanar.

**14.1. Attivitajiet fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm (A/5/3/Vol VIII)**

14.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ppproponiet li fl-okkażjoni tal-Jum l-Omm fit-3 ta'Mejju 2018 isir *breakfast* f'xi waħda mil-lukandi tal-Mellieħa. Hija qalet li nġabru stimi sabiex jiġu stabbiliti l-ispejjeż u jinsab stabbiliment li jista' jakkomoda din l-attività.

14.3. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

### 15.1. Jum il-Kunsill 2018 **(A/5/3/1/Vol XVI)**

15.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ssuġġeriet li l-edizzjoni li jmiss ta' Jum il-Kunsill, illi ser issir il-Ħamis 26 ta' Lulju 2018, tkun taħt il-patroċinju tal-Prim Ministru l-Onor. J. Muscat u għalhekk għandha ssir stedina bikrija biex il-possibbiltà li din tiġi aċċettata tkun ikbar.

15.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

### 16.1. *Hillclimb* f'Dawret il-Mellieħa **(A/6/3/2/Vol 46)**

16.2. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna għall-*hillclimb* li seħħet f'Dawret il-Mellieħa nhar il-Ħadd 4 ta' Marzu 2018. Huwa lmenta li dan l-avveniment ikkawża ħafna konġestjoni fit-toroq ewlenin bit-traffic li ġie mdawwar għat-toroq fil-qalba tal-Mellieħa. Huwa staqsa dwar jekk huwiex normali li dan l-avveniment jibda minn kmieni filgħodu u jintemm fl-4.00 ta' wara nofsinhar.

16.3. Is-Sindku qal li *hillclimbs* ilhom isiru f'Dawret il-Mellieħa għal diversi snin u ma jarax ir-raġuni għaliex m'għandhomx isiru issa. Irriżulta wkoll li n-numru ta' Pulizija li kien hemm ordnati ma rrappurtawx fuq il-post u għalhekk il-livell ta' kontroll li kien ġie diskuss mal-organizzaturi ma ntlaħaqx. Huwa aċċetta l-fatt li jkun hemm ċertu nkonvenjent, iżda jeħtieġ li jinstab bilanċ sabiex ma jinħoloqx xkiel żejjed għal min jorganizza dawn l-avvenimenti. Is-Sur J. Buttigieg saħaq li f'dan l-istadju jeħtieġ li l-organizzaturi jiġu nfurmati dwar jekk il-Kunsill huwiex ser joħroġ permess fl-edizzjoni li jmiss.

16.4. Il-Kunsill iddeċieda li l-avveniment għandu jibqa' iseħħ wara li jinġieb il-kunsens ta' Trasport Malta u jkun hemm il-kontroll tat-traffiku permezz tal-Pulizija u l-Gwardjani Lokali.

### 17.1. Ħarġa Kulturali **(A/5/5/Vol VII)**

17.2. Il-Kunsillier J. Attard qal li l-ħarġa li jmiss ser tkun fis-16 ta' Marzu 2018 fil-Knisja ta' Ġieżu fil-Belt Valletta, fejn ikun hemm Quddiesa u wara waqfa għall-kafe'.

17.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

### AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fid-9:00 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 26 ta' Marzu 2018 fil-5.00 pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**